# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 18**

**Rikors numru 1159/07/1 TA**

**Catherine Mifsud**

**v.**

**Josef Vella u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2009 daħlet fil-kawża l-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c. "*in statu et terminis*", u b'digriet tal-5 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti awtorizzat il-bidla fl-isem tal-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c. għal Mapfre Middlesea p.l.c.**

**<u>Preliminari:</u>**

1. L-attriċi sfat midruba f'inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Awwissu 2006 f'Ħal Qormi meta kienet riekba bħala passiġġiera f'karozza misjuqa minn missierha. Issostni li għal dan l-inċident huwa responsabbli unikament il-konvenut u għalhekk fis-<u>7 ta' Novembru 2007</u> intavolat din l-

azzjoni sabiex:

(i) il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident:

(ii) jiġu likwidati d-danni sofferti minnha okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(iii) l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha tali danni hekk likwidati.

2. Permess ta' sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet kollha attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' **€14,763.48** *in linea* ta' danni (€4,486.64 bħala telf attwali u €10,276.84 bħala telf ta' qligħ futur), bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

3. L-attriċi ħassitha aggravata b'tali sentenza u għalhekk fis-26 ta' April 2018 interponiet appell quddiem din il-Qorti fejn talbitha:

(i) tikkonfermaha inkwantu l-Ewwel Qorti sabet lill-konvenut responsabbli għall-inċident;

(ii) tikkonfermaha inkwantu l-Ewwel Qorti illikwidat it-telf attwali fl-ammont ta' €4,486.64, u

(iii) tvarjaha inkwantu l-Ewwel Qorti illikwidat it-telf ta' qligħ futur fl-ammont ta' €10,276.84 u *invece* tillikwida tali ammont f'wieħed akbar li jirrifletti "*aħjar u sewwa d-diżabilita` sofferta mill-appellanti".*

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi dawk il-partijiet rilevanti mis-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-Rikors Guramentat tal-Attrici pprezentat u mahluf minnha stess fis-7 ta' Novembru 2007 li permezz tieghu talbet is-segwenti:-
>
>> "1. Illi l-istanti, Catherine Mifsud, kienet tinsab passiggiera fil-vettura, misjuqa minn missierha, Carmelo Mifsud, ta' ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni JAS-123, fi Triq Manwel Dimech gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 fejn sehh incident stradali;
>>
>> 2. Illi dan l-incident sehh meta l-konvenut, Josef Vella, li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru ta' registrazzjoni CBN-426, minghajr ma ha d-dovuti kawteli stradali u ghall-vetturi ohra, baqa' diehel fuq wara fil-vettura tal-istess istanti li kienet tinsab stazzjonarja fit-traffiku, u bhala konsegwenza kkawza l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi;
>>
>> 3. Illi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-konvenut illi baqa' diehel fuq wara fil-vettura tal-istanti li kienet tinsab stazzjonarja u wieqfa fit-traffiku;
>>
>> 4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali l-attrici sfat imwegga gravament u ser tibqa' permanentement debilitata, u dan oltre d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnha wkoll sofferti;
>>
>> 5. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser;
>>
>> 6. Illi l-istanti b'ebda mod ma kienet responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut prezentata u mahlufa minnu stess fid-19 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

"1. Illi l-kawza tal-attrici hija kollha vessatorja u ghaldaqstant l-intimat jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, illi huma kollha esagerati, infattwali u prevja ebda sens ta' verita.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda imperizja, negligenza, imprudenza jew inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess.

3. Illi r-rapport mediku li sar minn Dr. A. Galea Debono huwa ex parte u din il-Qorti ghandha tkun taf li l-istess ilu jaf lis-Sinjorina Catherine Mifsud ghal zmien wil, ghax ilu jiehu hsieb lil ohtha, u ghaldaqstant ir-rapport mediku ghandu jsir minn esperti indipendenti appuntati mill-Qorti.

4. Illi kif jidher, l-incident kien wiehed zghir hafna, li kien jinvolvi sempliciment kollizjoni ta' 'bumper to bumper' u l-ebda karozza involuta fl-incident ma garbet hsarat estensivi.

5. Illi l-esponenti jikkontesta li l-attrici wegghat serjament, kif ser jirrizulta mill-provi.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi fir-rigward tad-damnum emergens, irid jigi pruvat illi l-ispejjez illi saru kienu tassew necessarji u inevitabbli u saru b'konsegwenza diretta tal-incident in kwistjoni.

7. Illi fir-rigward tal-lucrum cessans, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-attrici, kif hemm iddikjarat ex admissis minnha stess, tista' tahdem biss fuq bazi 'part-time' u dan ghaliex trid tiehu hsieb ohtha b'dizabilita`, u ghalhekk dan ma huwiex dovut ghal xi impediment fiziku li jwaqqaf lill-attrici milli tkompli bix-xoghol taghha.

Ghaldaqstant, l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li ma huwiex responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq Manwel Dimech, gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 u li ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-attrici ghandhom jigu michuda, a spejjez taghha."

Rat id-digriet moghti fit-13 ta' Marzu 2009 permezz ta' liema il-Qorti awtorizzat lis-socjetá Middle Sea Insurance Plc, illum Mapfre Middlesea plc li tintervjeni f'din il-kawza in statu et terminis.

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

***…omissis…***

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

9. Fid-dawl tal-fatti fuq imsemmija u tal-principji legali involuti, il-Qorti ser l-ewwel titratta l-kwistjoni ta' responsabilita` u wara dik tal-hsara u danni subiti.

*Responsabbilita'*

10. Ghalkemm l-intimat eccepixxa li ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni (ara t-tieni eccezzjoni a` fol 70), waqt il-proceduri qatt ma tqajmet kontestazzjoni li l-Konvenut jahti unikament ghall-incident de quo. Mill-ispjega tal-Konvenut stess fix-xhieda tieghu ta' kif sehh l-incident u kif ukoll mill-verzjoni moghtija minnu fir-rapport tal-Pulizija (ara a` fol 226 u a` fol 14), jirrizulta b'mod evidenti, li l-Konvenut ma segwiex dik il-prudenza u d-diligenza mistennija minnu kif stabbilita fir-regolament 279 tal-Kodici msemmi.

11. Li l-Konvenut huwa unikament responsabbli tal-incident, hija konkluzjoni wahdanija li jidher li gibdu l-partijiet kollha fil-kawza. Dan johrog ukoll b'mod esplicitu mill-fatt, li l-provi kollha migjuba huma ffukati u mmirati li jolqtu biss il-quantum tad-danni u r-rata ta' dizabbilitá tal-Attrici u mhux fuq ir-responsabilitá tal-incident. Ghalhekk il-Qorti, ma tantx ghandha xi tghid dwar min huwa responsabbli ghall-incident u sejra tghaddi biex tikkunsidra x-xorta tad-danni li qed jigu reklamati mill-Attrici.

*Hsara u danni subiti mill-Attrici*

<u>Telf ta' qliegh futur</u>

12. L-Attrici twieldet fis-27 ta' Awwissu 1969 (ara formoli tat-taxxa a` fol 16, 243 u 253). Ghalhekk meta sehh l-incident, l-Attrici kellha 37 sena. Skont dikjarazzjoni ta' Dr. Galea Debono (a` fol 20), l-Attrici tahdem 'part-time' ghaliex tiehu hsieb ohtha li tbati minn dizabbilitá. L-Attrici fil-mument tal-incident kienet tahdem bhala 'hair-dresser' (ara affidavit tal-Attrici a` fol 76).

13. L-Attrici prezentat rapport mediku ex-parte redatt minn Dr. Galea Debono (a` fol 7). Mir-rapport jirrizulta, li Dr. Galea Debono ssottometta

lill-Attrici ghal zewg MRI scans, fit-30 ta' Ottubru 2006 u fit-12 ta' April 2007. Mir-rizultat ta' dawn l-iscans, dan it-tabib ikkonkluda, li b'konsegwenza ta' dan l-incident, l-Attrici kienet qed tbati minn dizabilitá permanenti ta' 18%. Garrbet 'whiplash injury' li kkawzalha caqlieq fl-irkiekel ta' ghonqha b'tali mod li ffurmat *slip disc* fil-vertibra ta' ghonqha (ara wkoll l-ispjega ta' Dr. Ellul fix-xhieda tieghu a` fol 326 u 328). Fuq talba tal-Konvenut, giet mahtura Dr. Josanne Aquilina. Din ikkonkludiet li l-Attrici qed tbati minn dizabilitá permanenti ta' 17% (ara rapport mediku a` fol 277).

***…omissis…***

21. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tqis li l-percentagg tad-dizabilita` permanenti ta' 17% li waslet ghalih l-espert mediku huwa kollu rizultat tal-incident. Isegwi ghalhekk, li r-rata ta' dizabbilita` ghandha tkun dik ta' 17%.

22. Imiss ghalhekk issa li jkunu kalkolati d-danni li soffriet l-Attrici. Jirrizulta li l-Attrici pproduciet lill-accountant taghha bhala xhud, dan ipprezenta s-segwenti *tax returns.* Fihom, l-Attrici kienet iddikjarat li qalghet is-segwenti ammonti:

| Sena bazi | Sena Stima | Ammont |
|---|---|---|
| 2003 | 2004 | €6,214 (LM2,668 - ara fol 343) |
| 2004 | 2005 | €6,487 (LM2,785 - ara fol 16 u 348) |
| 2005 | 2006 | €5,849 (LM2,511 - ara fol 353) |
| 2006 | 2007 | €4,060 (LM1,743 - ara fol 331) |
| 2007 | 2008 | €2,478 (LM1,064 - ara fol 336) |
| 2008 | 2009 | €2,743 (ara fol 358) |

23. Meta mqabbel mal-ammont ta' €5,849 li l-Attrici ddikjarat ghas-sena bazi 2005, jigi kkalkolat li fis-sena bazi 2006 (is-sena tal-incident), l-Attrici soffriet telf ta' qliegh fl-ammont ta' €1,709, fis-sena bazi 2007 soffriet telf ta' €3,371 u fis-sena bazi 2008 telf ta' €3,106. Meta ghalhek tittiehed medja tal-ahhar sentejn jitqies, li t-telf b'konsegwenza tal-incident fuq dak li ddikjarat l-Attrici, hi ghamlet telf ta' €3,238.50.

24. Il-Qorti ma setghetx ma tinnotax, li fix-xhieda taghha l-Attrici kienet pjuttost evaziva meta mitluba tispjega l-hinijiet li tahdem bhala hair-dresser paragonati mal-hinijiet li kienet tahdem qabel l-incident. L-Attrici baqghet ma tatx twegiba cara fuq kif gew tassew effettwati l-hinijiet tax-xoghol taghha minhabba l-incident (ara a` fol 190-194). Dan ihasseb lill-Qorti dwar kemm id-dhul dikjarat mill-accountant tal-Attrici wara l-incident, huwa fil-fatt wiehed li jirrifletti r-rejalta`. Il-Qorti temmen li fic-cirkostanzi jkun iktar gust, li jitnaqqas terz mill-istess cifri, b'dan illi l-ammont li se jkun ikkunsidrat bhala introjtu annwu biex fuqu jinhadmu d-danni huwa ta' €2,159 (€3,238.50 ÷3 = €1,079.50. €3,238.50 - €1,079.50 = €2,159)

25. Fir-rigward tal-multiplier ….

26. ……ser tikkalkula l-multiplier fuq il-hajja lavorattiva rimanenti tal-Attrici, fuq il-medda ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, jigifieri z-zmien li jrid jghaddi biex l-Attrici tilhaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' hamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

27. Huwa minnu, li s-Socjeta` assiguratrici fin-nota ta' sottomisjonijiet taghha (a` fol 375 ) qed tikkontesta l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. L-argument tas-Socjeta' assiguratrici huwa mibni fuq dak li jinghad dwar "chances and changes of life" kif stabbilit fis-Sentenza **Butler -vs- Heard**. Izda jrid jinghad, li fi zmien li nghatat dik is-Sentenza u cioe' fl-1967, l-aspettattiva tal-hajja kienet dik ta' sebghin (70) sena, mentri llum hija dik ta' tmenin (80) sena. Ghalhekk jekk din il-Qorti tapplika l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fir-rejalta' ikun qieghed jittiehed inkonsiderazzjoni ic-"chances u changes of life" fid-dawl li l-aspettattiva tal-hajja ttawlet b'ghaxar snin.

28. Fin-nota taghha l-Attrici tqis l-ghajnuna li taghti lil ohtha bhala 'mpjieg' u qed tirriklama danni ulterjuri f'dan is-sens (a` fol 370 u 371 ). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-insurance f'dan ir-rigward u tqis li l-ghajnuna li l-Attrici ddecidiet li taghti lil ohtha ma jinkwadrax taht l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili (a` fol 374 ). L-Attrici tghin lill-ohtha b'mod volontarju u baqghet tghinha anke wara l-incident. Jirrisulta b'mod car li dawn is-servizzi qed jinghataw "*ex causa familiaritatis*". Jekk minn naha l-ohra, dak li qed taghmel ma' ohtha huwa bi speranza ta' hlas, din hija relazzjoni guridika interna bejnha u bejn ohtha (**ara Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta minn dak in-nhar Magistrat, illum Imhallef, Silvio Meli , fl-ismijiet Carmen Cacciatolo -vs- Mario Tonna pro et tad-9 ta' Novembru 2008**). Huwa minnu li l-presunzjoni hi, li *omnia labor optat premium* izda dan sakemm ma jirrisultax il-kuntrarju, bhal ma huwa fil-kaz mertu tal-kawza.

29. Ghalhekk huwa car, li xoghol volontarju ma jistax jigi kunsidrat bhala xoghol bi 'qliegh' fis-sens tal-artikolu 1045 tal-Kap. 16. Huwa evidenti li, sa min qabel ma sehh l-incident, qatt ma kien hemm Rik. Nru. 1159/07 TA 23 pretensjoni ta' hlas mill-Attrici f'hajjet ohtha ghal dan ix-xoghol volontarju. Di fatti l-Attrici ma prezentat l-ebda prova konkreta dwar dhul li hija qed tippretendi li ghandha tircievi minn dan il-volontarjat. Ghaldaqstant l-Attrici ma tistax tippretendi li l-volontarjat m'ohtha ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni.

30. Ghalhekk isegwi li t-telf ta' qliegh futur tal-Attrici ghandu jigi kalkulat kif gej : €2,159 x 28 x 17% = **€10,276.84**.

31. Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% ghal raguni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('*lump sum percentage deduction*'). Gie stabbilit izda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens ghandu jinghata meta jkun ghadda zmien qasir mill-incident u s-

sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuz u d-data tal-pagament effettiv ighaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'ghandux isehh (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**; ara wkoll **Anthony Turner et vs Francis Agius et, 28 ta' Novembru 2003** fejn il-Qorti tal-Appell osservat li meta bhal dan il-kaz l-azzjoni ddum tkarkar tant li tiehu trapass twil ta' zmien mid-data tal-incident sa meta tinghata s-sentenza finali, dan "ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sump payment'").

32. Gie ukoll stabbilit li l-Qorti ghandha tibda tqis it-trapass ta' zmien minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn dak inhar tal-incident (**Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004**). Diversi sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% ghandu jonqos percentwali ta' 2% ghal kull sena ta' dewmien tal-kawza (ara fost ohrajn **Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009**).

33. Meta mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (ossia 7 ta' Novembru 2007) sa dakinhar li tinghata s-sentenza, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Jinghad ukoll li minhabba l-fatt li diga` ghaddew nofs is-snin tal-multiplier, parti sew mill-kumpens ha jkun inghata b'lura iktar milli bil-quddiem. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonsidra li m'ghandux isir it-tnaqqis tal-'lump sum payment'.

<u>Telf attwali</u>

***…omissis…***

40. Ghaldaqstant id-danni li sofriet l-Attrici f'telf attwali jammontaw ghal **€4,486.64** (€2,986.64+€1,500).

41. Isegwi li l-ammont globali ta' danni subiti mill-Attrici jammonta ghal **<u>€14,763.48</u> (€10,276.84 + €4,486.64).**

***…omissis…***

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba Attrici u tiddikjara lill-Konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-Kawza li sehh fi Triq Manwel Dimech gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofriet l-Attrici;

**<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba u tillikwida d-danni dovuti lill-Attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf sebgha mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u erbghin

centezmu (€14,763.48);

**<u>Tilqa’</u>** t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma hekk likwidata ta’ erbatax-il elf sebgha mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (**€14,763.48**) bl-imghax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez tal-Kawza jithallsu kollha mill-Konvenut. Dawk tas-Socjeta` intervenjenti fil-kawza, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata jigu ssopportati minnha”.

**<u>Rikors tal-appell tal-attriċi (26.04.2018):</u>**

5. L-aggravju tal-attriċi jirrigwarda l-mod kif l-Ewwel Qorti ħadmet l-ammont ta’ danni rappreżentanti t-telf ta’ qligħ futur (*lucrum cessans*). Tilmenta bil-fatt li l-Ewwel Qorti kkonsidrat l-introjtu annwu tagħha bħala €2,159. Targumenta li s-sitwazzjoni tagħha hija bħal ta’ <u>mara tad-dar</u> fejn id-danni jinħadmu fuq il-*minimum wage.* Taċċenna għas-sentenza mogħija fil-kawża **Roberts v. Gera** (330/15/LM) deċiża mill-Prim’Awla fid-19 ta’ Ottubru 2017, fejn l-introjtu applikat għall-mara tad-dar kien ta’ €8,745, u allura targumenta li l-figura tad-danni rappreżentanti t-telf ta’ qligħ futur kellha tkun €41,626 (8745 x 28 x 17%) u li *inoltre* tali figura għandha tiżdied b’20% rappreżentanti l-għoli tal-ħajja, u li allura s-somma dovuta lilha bħala *lucrum cessans* hija €49,951.

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553):</u>**

6. Is-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. wieġbet biex tgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

**Il-konvenut appellat ma weġibx:**

7. Minkejja li l-konvenut appellat ġie debitament notifikat bir-rikors tal-appell fit-8 ta' Mejju 2018, huwa ma ppreżentax risposta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

8. Dan l-appell huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni sofferti mill-attriċi *in linea* ta' telf ta' qligħ futur fl-ammont ta' €10,276.84. L-Ewwel Qorti waslet għal dan l-ammont billi mmultiplikat is-segwenti figuri:

€2,159___(is-somma li ħadet bħala l-introjtu annwu)

17%_________(ir-rata ta' diżabilita`)

28______(*multiplier*).

9. L-attriċi mhux qiegħda tikkontesta r-rata ta' diżabilita` ta' 17%, u lanqas il-*multiplier* ta' 28.

10. Qiegħda tikkontesta s-somma ta' €2,159 li l-Ewwel Qorti dehrilha li għandha tqis li huwa l-introjtu annwu tagħha u barra minn hekk trid li jittieħed inkonsiderazzjoni l-għoli tal-ħajja. Hija għalhekk qiegħda

tippretendi:

(i) li l-introjtu annwali tagħha għandu jitqies bħala l-*minimum wage* kif ġeneralment isir meta l-vittma f'inċident tkun **mara tad-dar,** fejn f'dan ir-rigward tissuġġerixxi l-ammont ta' €8,725;

(ii) li fuq l-ammont ta' €41,626 (€8,725 x 17% x 28) tingħata wkoll żieda ta' **20%** rappreżentanti l-għoli tal-ħajja, ċjoè €8,325, biex b'hekk it-total jiġi €49,951 (€41,626 + €8,325).

11. Ikun utli li fl-ewwel lok din il-Qorti teżamina sewwa s-sitwazzjoni familjari u lavorattiva tal-attriċi.

12. Jirriżulta mill-provi li l-attriċi Catherine Mifsud (li twieldet fl-1969) tgħix fl-istess dar ma' ommha Carmen u missierha Carmelo (li twieldu fl-1936), fejn tabita wkoll oħtha Mary Rose (li twieldet fl-1957). Oħtha Mary Rose kienet mardet serjament fl-1980 u spiċċat parzjalment paralizzata b'mod li tinħtieġ attenzjoni kontinwa. Għalhekk kemm l-attriċi u kif ukoll il-ġenituri anzjani tagħha jieħdu ħsieb lil Mary Rose; l-attriċi fil-fatt taħdem ħinijiet ridotti proprju sabiex ikollha ħin tieħu ħsieb lil oħtha. Hekk kellhom xi jgħidu fl-affidavits tagħhom l-attriċi u l-ġenituri tagħha fir-rigward ta' oħtha Mary Rose:

Carmen Mifsud:

*"Jien it-tifla tiegħi Mary Rose Mifsud ilha mill-1980 li mardet serjament u li nieħdu ħsiebha llum jien u r-raġel u t-tifla l-oħra Catherine Mifsud. Minħabba li Mary Rose tinħtieġ din il-kura kontinwa Catherine ma tistax taħdem ħinijiet twal peress li hemm bżonn l-għajnuna tagħha d-dar. Mary Rose, per eżempju, ikollha ħafna appuntamenti tat-tobba. Ukoll ma tistax tafdaha waħedha u b'hekk irid ikun hemm xi ħadd fiżikament magħha l-ħin kollu".*

Carmel Mifsud:

*"Din il-ħabta affettwatna bil-kbir peress li t-tifla Catherine toqgħod miegħi u mal-mara u tgħinna nieħdu ħsieb lil oħtha Mary Rose li għandha diżabilita` qawwija. Fil-fatt hi taħdem ħinijiet ridotti sabiex tieħu ħsieb lil oħtha. Peress li Catherine għadha muħugħa qed ikollna diffikultajiet kbar biex nieħdu ħsieb lil Mary Rose peress li jien u marti kbirna fl-eta` filwaqt li Catherine mill-inċident 'l hawn m'għadhiex tiflaħ tieħu ħsieb lil oħtha kif kienet".*

L-attriċi Catherine Mifsud:

*"Jiena naħdem bħala hairdresser b'ħinijiet ridotti u esebejt l-income tax returns tiegħi li ilestihomli Mr Patrick Camilleri.*

*Jiena naħdem ħinijiet ridotti peress li jiena noqgħod id-dar ma' ommi u missieri li huma anzjani u nieħdu ħsieb lil oħti Mary Rose Mifsud li in segwitu għal mard serju li kellha fl-1980 spiċċat parzjalment paralizzata u teħtieġ kura kontinwa. Dan ifisser li mhux possibbli għalija li naħdem ħinijiet twal u irrid naħdem skont iċ-ċirkostanzi tal-mard tagħha. Aktar ma jikbru ommi u missieri il-piż aktar ser idur fuqi peress li mhux ser ikunu f'kondizzjoni li jgħinuni fil-kura tagħha kif jagħmlu attwalment".*

13. Kontro-eżaminata[1] l-attriċi spjegat li taħdem bħala *hairdresser.* Mistoqsija x'ħinijiet taħdem wieġbet li "*M'għandix ħin. Fis-sens jiena l-ewwel nara l-bżonnijiet ta' oħti…*" Mistoqsija kemm taħdem sigħat fil-ġurnata wieġbet li ma setgħetx tgħid għaliex "*ġieli jekk inqum mugħġuha,*

[1] Kontroeżami tal-attriċi 09.10.2008, fol 180-198.

*ġieli nagħmel ġurnata ma ħdimtx jew tnejn."* Spjegat li l-klijenti jafu bil-każ ta' oħtha u li meta jċemplulha tiftiehem magħhom skont il-każ. Kompliet tgħid li "…*jekk naf li jien lestejt lil oħti, wara li nlesti lil oħti rrid nimtedd ftit għax saħti m'għadhiex ittini. Jekk jiena kelli bżonn immur naqra biha l-isptar ma niflaħx niġi nkompli*." Għalkemm qalet li mill-inċident naqqset mis-sigħat ma kinitx f'pożizzjoni li tgħid eżatt kemm naqqset. Qalet li bħala massimu ġieli kellha erba' klijenti u ġieli kellha waħda biss jew xejn. Dwar oħtha qalet li baqgħet tieħu ħsiebha bħal ma kienet tieħu ħsiebha qabel l-inċident, però enfasizzat li "*qiegħda nbati, imma iva, nibqa' nieħu ħsiebha jiena u inqassam kif nista'."* Spjegat li oħtha hija "*wheelchair bound"* u "*kull ma taħseb illi hemm bżonn għal wheel chair bound huwa xogħol li nagħmel jien għaliha*." Mistoqsija dwar ix-xogħol tad-dar qalet li "*kulħadd jgħin li xulxin fid-dar."* Qalet li bħala tindif baqgħet tagħmel hi, għalkemm mhux id-dar kollha, u li anke l-omm u l-missier jippruvaw jgħinu mill-aħjar li jistgħu.

14. <u>Kontro-eżaminat[2] missier l-attriċi</u> kkonferma li qabel l-inċident l-attriċi kienet tieħu ħsieb lil oħtha u li "*għadha tgħin xi ftit milli tkun tista'".* Qal li ġieli tkun muġugħa u tmur tinxteħet, u ġieli ma kinitx daqstant magħkusa. Qal li wara l-inċident huma wkoll jgħinu, it-tlieta li huma. Mistoqsi dwar jekk ix-xogħol ta' *hairdressing* tal-attriċi naqasx, wieġeb li *"naf li tgerger li ma tistax tagħmel xogħlha minħabba saħħitha."*

[2] Kontroeżami ta' missier l-attriċi 09.10.2008, fol 199-209.

15. Issa fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi[3] kienet ikkontendiet li l-kumpens dovut lilha bħala *lucrum cessans* kellu jkun fl-ammont ta' €80,920; dan għaliex fil-kalkolu tagħha ħadet l-ammont ta' €20,000 bħala dħul annwali tagħha. Qalet li f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari l-*lucrum cessans* kellu jiġi kkalkulat fuq €20,000 "*li jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-esponenti għandha żewġ impiegi, dak ta' carer ta' oħtha u dak ta' part time hairdresser.*" Kompliet tgħid li fil-kalkolu tal-*lucrum cessans* m'għandhiex tiġi penalizzata talli tiddedika ħafna mill-ħin tagħha lil oħtha bir-riżultat li l-qligħ tagħha huwa limitat. Fakkret li fil-każ ta' mara tad-dar ukoll isir kalkolu ta' *lucrum cessans* minkejja li ma tirċevix rimunerazzjoni, u li għalhekk bl-istess mod għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li ma tistax taħdem *full time* u tilħaq il-potenzjal tal-qligħ tagħha minħabba d-diżabilità ta' oħtha.

16. L-Ewwel Qorti skartat l-argument tal-attriċi li għandha żewġ impjiegi: ċjoè dak ta' *carer* u dak ta' *hairdresser.*

17. Fir-rigward tal-allegazzjoni li għandha impjieg ta' *carer* l-Ewwel Qorti irriteniet li l-għajnuna li tagħti lil oħtha ma jinkwadrax taħt l-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili; irriteniet li xogħol volontarju ma jistax jiġi kkonsidrat bħala xogħol bi qligħ fis-sens ta' dan l-artikolu. Osservat li sa minn qabel l-

---

[3] Nota tas-sottomissjonijiet tal-attriċi, 14.07.2010, fol 369 *et seq*.

inċident qatt ma kien hemm pretensjoni ta' ħlas mill-attriċi għal dan ix-xogħol li tagħmel ma' oħtha. Għalhekk irriteniet li l-attriċi ma tistax tippretendi li l-volontarjat li tagħmel ma' oħtha għandu jittieħed inkonsiderazzjoni għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' danni.

18. Kwantu għax-xogħol ta' *hairdresser* l-Ewwel Qorti qieset li mit-*tax returns* esebiti jirriżulta li wara l-inċident l-attriċi għamlet telf mill-qligħ normali ta' €3,238. Qieset ukoll li fix-xhieda tagħha l-attriċi kienet "*pjuttost evażiva*" meta mitluba tispjega kif tassew ġew effettwati l-ħinijiet tax-xogħol tagħha minħabba l-inċident;  għalhekk dehrilha li jkun iktar ġust li mill-ammont ta' €3,328 jitnaqqas terz (⅓) u li allura l-introjtu annwu li fuqu għandhom jinħadmu d-danni huwa €2,159.

19. <u>Fir-risposta tal-appell tagħha</u>, is-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. enfasizzat li minkejja li fis-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ppretendiet li d-dħul annwali tagħha (għax-xogħol ta' *carer* u ta' *hairdresser)* kellu jinħadem fuq €20,000, issa fl-appell tagħha qiegħda tgħid li d-dħul annwali għandu jiġi maħdum fuq il-*minimum wage* bħall-mara tad-dar. Targumenta li dan l-argument li għandu jiġi applikat il-*minimum wage* bħal fil-każ ta' mara tad-dar tqajjem għall-ewwel darba f'dan l-appell *stante* li qabel kienet qiegħda targumenta li kellha żewġ impjiegi (ta' *carer* u *hairdresser*), u ssostni li m'għandhiex titħalla tbiddel l-argument tagħha issa, fl-istadju tal-appell. Qalet ukoll li fi kwalunkwe każ l-attriċi ma tistax

titqies bħala mara tad-dar għaliex mara tad-dar hija mara li jkollha l-familja tagħha u ma jkollhiex impjieg: issostni li l-attriċi ma tissodisfa l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ elementi. Kwantu għaż-żieda ta' 20% li l-attriċi qiegħda tippretendi inkonsiderazzjoni tal-għoli tal-ħajja targumenta li l-attriċi qiegħda wkoll tagħmel din it-talba għall-ewwel darba fl-appell.

20. Meqjus is-suespost din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis l-appell tal-attriċi.

21. Għalkemm huwa minnu li fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ppretendiet li d-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* kellhom jinħadmu fir-rigward taż-żewġ "impjiegi" tagħha, ħaġa li mhix qiegħda tkompli ssostni f'dan l-istadju, ma jistax jingħad li l-analoġija mal-"mara tad-dar" hija xi ħaġa li ħarġet biha kompletament għall-ewwel darba f'dan l-appell, kif tilmenta s-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha aċċennat għall-fatt li fil-każ ta' "mara ta' dar" jiġu kkalkulati l-"*loss of future earnings*" minkejja li ma tirċevix rimunerazzjoni għax-xogħol li tagħmel. Għaldaqstant anke jekk kellha raġun tiskarta l-allegazzjoni tal-attriċi dwar li kellha impjieg ta' *carer*, meħuda inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u anke l-aċċenn li għamlet l-attriċi stess għas-sitwazzjoni ta' mara tad-dar, fejn kif inhu risaput f'tali każijiet il-qrati jillikwidaw id-danni abbażi tal-*minimum wage*,

l-Ewwel Qorti messha kkonsidrat jekk kienx proprju l-każ li jittieħed il-*minimum wage* għall-finijiet tal-kalkolu tad-danni rappreżentanti telf ta' qligħ futur tal-attriċi.

22. L-Ewwel Qorti għall-kuntrarju qieset biss it-*tax returns* tal-attriċi rigwardanti l-introjtu tagħha bħala *hairdresser*, rat li l-introjtu naqsilha wara l-inċident, kompliet tnaqqsu għal żewġ terzi ⅔, u ħadmet id-danni proprju fuq tali ammont.

23. Fl-ewwel lok dan huwa żbaljat għaliex id-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* kellhom jinħadmu fuq l-introjtu annwu tal-attriċi u mhux fuq l-ammont li l-attriċi tilfet mill-introjtu annwu wara l-inċident. Ir-rata tad-diżabilita` (f'dan il-każ 17%) titqies bħala li tirrappreżenta t-telf mill-introjtu tal-vittma fejn din tiġi mmultiplikata bin-numru ta' snin stabbilit bħala l-*multiplier* (f'dan il-każ 28 sena). Għalhekk dawn iċ-ċifri ta' 17% u 28 għandhom jinħadmu fuq l-<u>introjtu annwu</u> tal-attriċi; ma jagħmel l-ebda sens li jinħadmu fuq <u>it-telf mill-introjtu annwu</u> li ġarrbet l-attriċi (skont l-Ewwel Qorti), wisq anqas li l-ammont tat-telf mill-introjtu jiġi ridott ulterjorment minħabba l-mod kif xehdet l-attriċi dwar il-ħinijiet li kienet taħdem bħala *hairdresser* qabel u wara l-inċident fl-2006. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-attriċi kienet evażiva meta kienet qiegħda tixhed fuq kif ġiet affettwata l-kapaċità lavorattiva tagħha; *inoltre* huwa ritenut li anke kieku diżabilità ma jkollhiex effett apparenti fuq

il-kapaċità lavorattiva ta' dak li jkun xorta waħda hemm id-dritt ta' kumpens.[4]

24. Fit-tieni lok din il-Qorti tosserva li l-introjtu annwu tal-attriċi skont it-*tax returns tagħha* kien dejjem inqas mill-*minimum wage,* anke qabel l-inċident. Din il-Qorti qieset il-*minimum wage*[5] għas-snin bejn l-2003 u l-2008 u ppreparat is-segwenti tabella komparattiva:

| Sena bażi | Sena stima | Introjtu | *Minimum wage* skont L.S. 452.71 |
|---|---|---|---|
| 2003 | 2004 | €6,214 | €6,435.52 (€123.76 x 52) |
| 2004 | 2005 | €6,487 | €6,526.52 (€125.51 x 52) |
| 2005 | 2006 | €5,849 | €6,753.76 (€129.88 x 52) |
| **2006** | **2007** | **€4,060** | **€7,010.64 (€134.82 x 52)** |
| 2007 | 2008 | €2,478 | €7,222.80 (€138.90 x 52) |
| 2008 | 2009 | €2,743 | €7,404.28 (€142.39 x 52) |

25. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ is-sitwazzjoni tal-attriċi hija fil-fatt ferm ekwiparabbli ma' dik ta' mara tad-dar. Il-familja Mifsud tikkonsisti f'ġenituri anzjani li fiż-żmien tal-inċident kellhom sebgħin (70) sena, oħt l-attriċi li fiż-żmien tal-inċident kellha disgħa u erbgħin sena (49) u hija *wheel chair bound stante* li hija

[4] Ara **Anthony Zerafa et noe v. Joseph Sacco et,** (2254/1995) Q.App. 1 ta' Diċembru 2006 fejn ġie ritenut:

> *"Illi din il-Qorti ma thoss li ghandha xi zzid ma dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-dritt ta' kumpens meta ma jkunx hemm dizabilita` funzjonali billi llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal."*

[5] Abbażi ta' L.S. 452.71 (*National Minimum Wage National Standard Order)*

parzjalment paralizzata, u l-attriċi li fiż-żmien tal-inċident kellha sebgħa u tletin (37) sena. Dawn kollha jgħixu fl-istess dar. Għalkemm l-attriċi mhix "mara tad-dar" fis-sens tradizzjonali, għax fil-fatt hija waħda mill-ulied u mhux l-omm, u għalkemm kienet (u għadha) taqla' xi ħaġa mix-xogħol tagħha ta' *hairdresser*, is-sitwazzjoni familjari tagħha kkostrinġietha biex taħdem ħinijiet ridotti sabiex tkun tista' tgħin lil oħtha, apparti li anke tgħin fix-xogħol tad-dar. Qajla hemm differenza bejn l-attriċi u "mara tad-dar" li ma taħdimx (jew taħdem b'ħinijiet ridotti bi qligħ ta' inqas mill-*minimum wage*) sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-familja u tad-dar. Anzi f'dan il-każ l-attriċi ċertament li tagħmel xogħol ferm iktar iebes minn dak ta' mara tad-dar tradizzjonali; kif qalet fil-kontroeżami tagħha "*kull ma taħseb illi hemm bżonn għal wheel chair bound huwa xogħol li nagħmel jien għaliha*". Dan apparti li tgħin ukoll (kif tista') fix-xogħol tad-dar ladarba l-ġenituri tagħha huma persuni anzjani li llum il-ġurnata qegħdin javviċinaw id-disgħin sena.

26. Din il-Qorti tagħmilha ċara li mhix qiegħda tqis li barra x-xogħol tagħha ta' *hairdresser* b'ħinijiet ridotti l-attriċi għandha wkoll impjieg ta' *carer*; qiegħda sempliċiment tqis il-fatt li sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' oħtha u tagħmilha ta' *carer* tagħha, l-attriċi ħadet id-deċiżjoni li ma taħdimx *full-time* u ma tirrealizzax il-potenzjal tal-qligħ tagħha, <u>proprju kif tagħmel mara tad-dar sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-familja tagħha</u>. B'riżultat ta' dan ġie li l-introjtu mix-xogħol tagħha ta' *hairdresser* huwa

inqas mill-*minimum wage.*

27. Għaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-attriċi appellanti li l-introjtu annwu tagħha għandu jinħadem fuq il-*minimum wage* kif isir f'każijiet li jinvolvu vittma li tkun mara tad-dar.

28. Għalkemm l-attriċi ssuġġeriet iċ-ċifra ta' €8,745, din il-Qorti sejra taħdem id-danni *in linea* ta' telf ta' qligħ futur fuq l-ammont ta' €7,010.64, li fl-2006 kien il-*minimum wage*. Issa l-attriċi appellanti talbet ukoll li wara li jinħadem l-ammont tad-danni rappreżentanti t-telf ta' qligħ futur, tali somma għandha tiżdied b'20% biex jirrifletti l-għoli tal-ħajja. Veru li (kif targumenta s-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c.) l-attriċi ma għamlitx aċċenn għall-għoli tal-ħajja fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha, iżda biex il-likwidazzjoni tad-danni tkun iktar preċiża dan għandu jittieħed ukoll inkonsiderazzjoni[6]; u dan setgħet għamlitu l-Ewwel Qorti minn jeddha. Din il-Qorti però mhix ser tikkalkulah billi żżid 20% mal-figura finali li tirrappreżenta t-telf futur, kif tippretendi l-attriċi, iżda bil-mod kif spjegat fil-paragrafi li jsegwu.

---

[6] F'sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet **Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti tal-Appell rriteniet illi:

> "*Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.*"

Ara wkoll **Mariella Vidal v. Michaela Cassar** (774/14/GM, P.A. 18 ta' Frar 2020, mhux appellata); u **Grace Falzon v. Tlata Ltd** (388/2017/LM, P.A. 10 ta' Mejju 2019, mhux appellata);

29. Din il-Qorti rat l-iskeda li tinsab mal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tal-Art. 13(1) tal-istess Kapitolu, liema skeda telenka l-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena, u wara li qieset ir-rati tal-inflazzjoni mis-sena 2006 (meta seħħ l-inċident) sas-sena 2022 ikkalkulat li r-rata medja hija dik ta' 2.06%, kif jirriżulta mis-segwenti tabella.

| **Sena** | **Indiċi tal-inflazzjoni** | **% mis-sena preċedenti** |
|---|---|---|
| 2005 | 684.88 | |
| 2006 | 703.88 | 2.77 |
| 2007 | 712.68 | 1.25 |
| 2008 | 743.05 | 4.26 |
| 2009 | 758.58 | 2.09 |
| 2010 | 770.07 | 1.51 |
| 2011 | 791.02 | 2.72 |
| 2012 | 810.16 | 2.42 |
| 2013 | 821.34 | 1.38 |
| 2014 | 823.89 | 0.31 |
| 2015 | 832.95 | 1.10 |
| 2016 | 838.29 | 0.64 |
| 2017 | 849.77 | 1.37 |
| 2018 | 859.63 | 1.16 |
| 2019 | 873.73 | 1.64 |
| 2020 | 879.32 | 0.64 |
| 2022 | 947.40 | 7.74 |
| | | 33.00 ÷ 16 = **2.06% (inflazzjoni medja)** |

30. Issa b'rata ta' inflazzjoni ta' 2.06% ifisser li minn €7,010.64 fl-2006 fuq medda ta' 28 sena l-introjtu kellu jiżdied għal €11,054.40 [€4,043.76 (€144.42[7] x 28) + €7,010.64]. Il-medja ta' bejn €7,010.64 u €11,054.40 tiġi €9,032.52.

31. Ikkonsidrat dan kollu din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni sofferti

[7] 2.06% ta' €7,010.64 = €144.42.

mill-attriċi *in linea* ta' telf ta' qligħ futur kif ġej:

€9,032.52 x 17% x 28 = **€42,994.79**

**Decide:**

32. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-attriċi u :

(1) Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident;

(2) Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti inkwantu ġiet likwidata s-somma ta' erbat elef, erba' mija u sitta u tmenin ewro, u erbgħa u sittin ċenteżmu (**€4,486.64**) bħala danni rappreżentanti telf attwali;

(3) Tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti inkwantu ġiet likwidata s-somma ta' għaxart elef, mitejn u sitta u sebgħin ewro, u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€10,276.84) bħala danni rappreżentanti telf ta' qligħ futur u *invece* qiegħda tillikwida tali danni fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin ewro, u disgħa u sebgħin ċenteżmu (**€42,994.79**).

33. **Isegwi għalhekk li l-ammont globali li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi *in linea* ta' danni riżultat tal-inċident li huwa**

**kkaġuna huwa ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u wieħed u tmenin ewro, u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€47,481.43) (€42,994.79 + €4,486.64).**

34. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu nofs ($^1/_2$) kull wieħed mill-konvenut u mis-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm